Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 10 – L-Erbgħa, 28 ta' Novembru, 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-4.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 9, u l-Minuti Ad Hoc tal-5 t'Ottubru, 26 t'Ottubru u 29 t'Ottubbru, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 8 ta' Novembru – is-sindku ircieva e-mail mis-segretarja tac-CEO fil-MEPA, fejn din stiednet f'isem ic-CEO lis-Sindku, Segretarju Ezekuttiv u l-Perit għal-laqgħa fuq il-progett Ta' Passi. Din ser issir nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Novembru, 2012 fl-10.00am.
   - 12 ta' Novembru – saret it-tilqima tal-influenza lir-residenti t'Għajnsielem li kienu applikaw għat-tilqima. Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €70 kull tabib li ta din it-tilqima.
   - 20 ta' Novembru – beda ix-xogħol tat-travu bil-konkos fuq l-Għajn tal-Ħasselin.
   - 25 ta' Novembru – is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet *e-mail* lic-CEO, lill-case officer Johnatan Orlando u lic-Chairmain tal-MEPA, bl-iżvilupp tal-proġett Miżura 313, fejn ġew informati li l-Kunsill talab għal-estensjoni mill-MRRA biex il-flus approvati xorta jingħataw lill-Kunsill avolja għadda d-*deadline*. Is-SE talbet lill-MEPA biex kemm jista jkun jithaffef il-proċess tal-permess tal-MEPA biex ikunu jistgħu jingħataw dawn il-flus.

- Ftehim ġdid tal-Iskart Separat - Skema ġdida mill-Green MT. Is-Sindku qara l-proposta l-ġdida, li tkopri s-sentejn li ġejjin. Is-Sindku qal li ma kien hemm l-ebda offerta minn xi kumpanija oħra għal dan il-ftehim. Il-proposta tal-Green MT giet approvata mill-Kunsill..
- Stedina mir-Romania biex nipparteċipaw f'proġett tal-Ewropa – il-Kunsill m'hux interessat li jipparteċipa f'dan il-progett
- MEPA: Inħareġ enforcement notice fuq xi *boat house* fix-Xatt l-Aħmar
- Ittra mid-Direttur Chris Borg fil-MEPA, fejn qed jistieden lill-Kunsill għal-parteċipazzjoni ta' konsultazzjoni pubblika fuq l-għoli tal-lukandi f'żoni turistiċi. Il-laqgħa ser issir nhar il-Hamis, 6 ta' Dicembru fl-NGO centre, x-Xewkija.
- Stedina mill-Kunsill tal-Volontarjat biex flimkien mal-Kunsill Lokali issir laqgħa għal-għaqdiet u Organizzazzjonijiet volontarji fil-Lokalita` – Il-Kunsill approva li dawn il-laqgħat isiru u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikkordina dawn il-laqgħat.
- *E-mail* mill-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki, fejn qed titlob il-kooperazzjoni tal-Kunsill biex tittellgħa attivita` l-Hadd 20 ta' Jannar fl-10.00am – Il-Kunsill approva li din l-attivita' tibda fil-Pjazza Madonna ta' Loreto u li jordna wardens biex it-triq faccata tal-kazini tkun riservata mit-8-11am.
- Email mingħand Pamela Portelli rigward is-sessjonijiet kontra s-sigaretti – wara diskussjoni, il-Kunsill wasal għal konkluzjoni li jkun ahjar jekk dawn is-sessjonijiet ma jsirux fl-uffiċċju tal-Kunsill u għalhekk ma laqax din it-talba.
- Nominazzjoni ghal-premju Nazzareno Vassallo 2011 – il-Kunsill iddeċieda li ma jinnomina lil-ebda persuna.
- Ittra ta' ringrazzjament mill-Kulleġġ ta' Stella Maris – ringrazzjament tal-għajnuna li ta' il-Kunsill fl-għajnuna tal-organizzazzjoni tal-ħarġa f'Għajnsielem mit-tfal tal-Kulleġġ.
- Il-prezz tal-kors tal-Ingliż għal-gimgħa, li jkopri 15–il siegħa huwa ta' €104 għal-kull student – il-Kunsill qabel li jidhol f'kollaborazzjoni mal-Kunsill ta' Tolfa, biex jofri dan il-kors għas-6 studenti finalisti fil-kompetizzjoni "Olimpiadi della Cultura e del Talento".
- Għajnsielem Red Coats – ser jibgħatu ittra lil ġenituri tas-subien bejn 11-14 il-sena, fejn jinformawhom illi se jitwaqqaf team tal-baseball għalihom u se titgħalab kontribuzzjoni ta' €40 kull tifel biex tkopri ftit l-ispejjez. Il-Kunsill irringrazzja lill-Joseph Sciculuna tal-interess li għandu fl-isports fir-raħal.
- Rendikont tal-ispejjeż fuq l-Iskema Sports 2012 – is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat r-rendikont tal-ispejjeż li għamel Joseph Scicluna fuq din l-iskema. Il-Kunsill approva li jsir dan il-ħlas.
- Memo 40/2011 - Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbiltà ta' Librerija Lokali. Is-SE qalet li skond kif miftiehem bejn il-Kunsill fl-laqgħa nformali, l-applikazzjoni saret li l-Kunsill qed jikkommetti ruħu li fis-sena 2013 jonfoq mal-€1,400 f'kotba għall-librerija, u b'hekk jieħu €700 lura mid-DLG.
- Risposta mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward it-talba mill-Uffiċjal Eżekuttiv biex jinfetaħ il-post ta' post t'Assitant Principal – id-DLG igwida lill-Kunsill, illi jekk l-Kunsill iħoss li vera hemm bżonn li jinfetaħ dan il-post, allura jimxi mal-proċedura msemmiha. Il-Kunsill ma wasalx għal-deċiżjoni, u talab li fil-laqgħa li jmiss issir diskussjoni mal-uffiċċjal eżekuttiv direttament.

## 4. Memo 49/2012 - Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2013

Il-Kunsill approva li jerġa` jaħtar lill-Għajnsielem Football Club, biex flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jimlew din l-applikazzjoni għal-fondi, u biex isiru l-attivitajiet tal-isport matul is-sajf 2013. Il-Kunsill iddeċieda li jalloka is-somma ta' €2,000 biex jintefqu fuq din l-iskema.

## 5. Memo 45/2012 - Skema Inizjattivi Speċjali 2013

Il-Kunsill qabel li japplika għar-restawr u *embellishment* tat-taraġ li jagħti mill-Pjazza tad-Dehra għal-Triq Fuq l-Għajn.

## 6. Memo 35/2012 - Skema ta' Impieg Inklussiv fil-Komunità

Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet il-lista li ġiet provduta mill-ETC għal-persuni eliġibli taħt l-applikazzjoni tal-Kunsill, li huma żewġ persuni. Il-Kunsill iddeċieda li l-board tal-għazla jkun huwa u s-Segretarju Eżekuttiv, fejn l-*interviews* se isiru nhar it-28 ta' Novembru, fit-3.00pm.

## 7. Ftuh ta' Tenders u Kwotazzjonijiet

- kwotazzjoni għat-tiżjin tal-Milied ma kien hemm l-ebda offerta

  Il-Kunsill qabel li jġib kwotazzjoni biex isir dan it-tiżjin li ma tkunx taqbez €1000

- Tenders ghat-tindif tal-Wied ta' Simirat

| *Offerent* | *Bid bond* | *Prezz* |
|---|---|---|
| *Gatt Enterprises Ltd* | Le | €49,535.00 |
| *Road Construction Ltd* | Le | €43,493.50 |
| *Carmel Grima* | Le | €27,920.00 |
| *Peter Paul Said* | Le | €56,628.00 |

Il-Kunsill approva li jġib klarifikazzjoni mid-DLG rigward in-nuqqas ta' bid bond sottometta, fejn irrizulta li l-Perit Scerri ma daħħalx din il-klawżola fit-tender. Jekk id-DLG japprova dawn l-offerti, dawn it-tenders jgħaddu għand il-perit Scerri għal-evalwazzjoni. .

## 8. Programm Ġimgħa t'Għajnsielem

- Ġieħ Għajnsielem ser isir nhar it-18 ta' Diċembru, peress li l-Grand Hotel kien ibbukjat fit-12 ta' Diċembru.
- Laqgħa fuq il-bullying m'hux possibli li ssir fil-ħin rikjest mill-Kunsill peress li min jagħmel il-kors ikunu jistgħu fil-għaxija biss, wara 3.00pm.
- Nhar it-12 ta' Diċembru, is-Sindku ġie mistieden mil-Madam tal-iskola biex jiltaqa' mat-tfal ta' xi klassijiet fl-iskola primarja, fejn jispjega x-xogħol tal-Kunsill, u jagħti spazju għal-mistoqsijiet. Il-Madam tal-iskola talbet l-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex issir *clean up* fil-Ġnien tal-Monument tal-Gwerra u fil-vicinanzi, fejn jipparteċipaw għaliha 3 klassijiet. Il-Kunsill qabel ma dawn il-proposti u approva li jinxtraw 50 flokk biex jintużaw għal din l-attivita ta' tindif u oħrajn.

## 9. Pjazza Madonna ta' Loreto

Is-Sindku qal illi mill-laqgħa preċidenti, huwa kien imur kull nhar t'Erbgħa fl-uffiċċju tal-Avukata Tatiene Cassar fil-Ministeru għal-Għawdex, biex jiċċekja kienx hemm żviluppi fuq il-kuntratt tal-Pjazza li kellha tibgħat il-Kurja. L-avukata qalet lis-Sindku li sal-ġurnata tal-lum kienet għada ma rċiviet l-ebda kuntratt mill-Kurja fuq il-titolu tal-art tal-Pjazza. Is-Sindku qal li saħansitra, f'waħda mid-drabi li mar għand l-Avukata, talabha biex iċċempel dak il-ħin stess lill-Dun Eddie, biex titolbu l-kuntratti, iżda dan ma rrispondiex il-mobile.

Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat *email* lil Dun Eddie Żammit fejn tgħid illi fiż-żmien ġimgħa irid jipprovdi l-kuntratti neċessarji lill-Avukata Cassar, biex ikun jista jimxi l-proċess tal-iffirmar tal-kuntratt. Jekk dan ma jsirx, il-Kunsill se jlaqqa laqgħa lir-residenti fiż-żmien 15 il-gurnata biex issir spjegazzjoni ta x'ġara dawn l-aħħar 7 snin.

## *10. Leave* tal-administrazzjoni biex jiggedded għas-sena d-dieħla

74 siegħa ta' Sarah Attard imġedda ghas-sena 2013 u 80 siegħa ta' Joseph Ciantar imġedda għas-sena 2013. Il-Kunsill approva dan. Reżoluzzjoni tal-*leave* biex jiġġedded għas-sena 2013 tas-Segretarju Eżekuttiv ta' 151 siegħa proponuta mis-Sindku u sekondata min Peter Caruana. Il-Kunsill approva din il-proposta.

## 11. Talbiet mir-residenti

- Talba għal-bozza ġdida fi Triq Wied Martin kantuniera ma' Triq Patri Odorik Grima – il-Kunsill qabel illi jistaqsi jekk it-talba hux mar-residenza taghha u jekk le, iġġib permess mis-sid tar-residenza.

**12. Materji oħra**

Stepehen Mercieca

- Sqaqien fit-Triq Mġarr isiru bin-numru tal-isqaq fuq plakka taċ-ċeramika – approvata
- Jiġu nstallati 4 bankijiet fuq il-bankina fit-triq il-Qigħan – il-Kunsill approva li dawn isiru kemm il-darba jibqa aċċess biżżejjed għal-wheelchairs fuq l-istess bankina.
- Issuġġerixxa li jingħataw ċertifikati lil min jirbaħ il-kompetizzjoni tal-Milied.

Larry Buttigieg

- Jixtieq rendikont tal-ispejjez li ntefqu biex inbena u ġie lest ċ-ċentru ċiviku, bit-tenders li nħarġu, kif ukoll l-kontijiet li tħalsu. Is-SE wieġbet li tlesti dan ir-rapport sal-laqgħa li jmiss.

Peter Caruana

– problema ta' tindif fit-Triq il-Gudja – is-Segretarju Eżekuttiv se tiġbed l-attenzjoni lill-kuntrattur.

**Tmiem il-Laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-lagħqa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 28 ta' Dicembru fis-4.00 pm, is-Sindku ddikjara l-lagħqa magħluqa fit-8.30pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv